## S4.3 IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET U L-ĦIN LIBERU



**S4.3.4**

Nirriċerkaw dwar il-festi tradizzjonali Maltin u nidentifikaw karatteristiċi li għadhom isiru sal-lum.

### Festi u Tradizzjonijiet Maltin

F'Malta u Għawdex niċċelebraw bosta festi, festi ta' kull tip. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-festi huma ta' xeħta Nisranija, imma marbuta magħhom insibu diversi drawwiet u tradizzjonijiet. Hawnhekk se nagħtu ħarsa lejn uħud minn dawn il-festi. Il-festi prinċipali li ser nitħaddtu fuqhom huma: il-Milied, l-Għid il-Kbir, l-Imnarja, u l-festa tar-raħal.

Tajjeb nitgħallmu kif iċ-ċelebrazzjonijiet ta' dawn il-festi inbidlu matul iż-żmien. F'xi każi, iċ-ċelebrazzjonijiet baqgħu l-istess. Hekk naraw kif fil-festa tar-raħal, minn dejjem konna mmorru għat-Tridijiet fil-knisja, imma l-marċ ta' filgħodu hija drawwa li daħlet f'dawn l-aħħar tletin sena.

### IL-MILIED

1. Fil-25 ta' Diċembru niċċelebraw il-festa tat-twelid ta' Ġesu Bambin fl-għar ta' Betlehem – **il-MILIED**. Kif nippreparaw għal din il-festa? Inżejnu d-djar, il-ħwienet u l-klassijiet tal-iskola. Narmaw is-siġra tal-Milied bid-dwal; fuq kollox infakkru t-twelid ta' Ġesù Bambin billi narmaw il-**presepju**. Minn żmien qabel naħsbu għall-ġulbiena.



2. Xi tfal ikollhom ix-xorti li jistudjaw bl-amment il-priedka tal-Milied biex imbagħad jagħmluha fil-quddiesa ta' nofsillejl.

3. Il-presepji ilhom isiru f'Malta. Din hija tradizzjoni li għadha qawwija ħafna fostna l-Maltin. Fil-ġranet tal-Milied bosta jmorru jduru madwar Malta u Għawdex biex jaraw il-presepji, presepji ta' kull tip, presepji jiċċaqalqu, kbar, żgħar, b'pasturi ta' kull tip u għamla.



4. Hemm żewġ tipi ta' pasturi: hemm dawk li fihom ilbies tal-Palestina u hemm dawk li fihom ilbies Malti.

5. L-ewwel presepju sar minn San Franġisk fis-sena 1223. Dan l-ewwel presepju kien jikkonsisti f'raġel u mara lebsin ta' Madonna u San Ġużepp, maxtura b'Bambin tax-xama', rgħajja, kor tat-tfal lebsin ta' anġli jkantaw, baqra u ħmara ħajjin. San Franġisk bena għarix tal-injam fit-triq ta' quddiem il-knisja fil-belt ta' Greccio. Fuq il-bieb waħħal kewkba kbira safra tal-karti.

## L-Għid il-Kbir

1. Fl-**Għid il-Kbir** aħna nfakkru kif Sidna Ġesù Kristu, wara li bata passjoni mill-eħrex u miet fuq is-salib, wara tlett ijiem irxoxta, qam mill-mewt.



2. F'din il-ġurnata minn ħafna knejjes toħroġ il-vara tal-irxoxt, akkumpanjata mill-banda tal-lokal. Din il-purċissjoni hija differenti mill-oħrajn għax fiha daħlet id-drawwa li dawk li jerfgħu l-vara jiġru biha għal xi waqtiet mill-purċissjoni.

3. Għall-Għid kulħadd iħobb jiekol xi figolla. Id-drawwa tal-figolli hija waħda antika ħafna. Il-figolli jkollhom forom differenti. Min jiksihom biċ-ċikkulata u min jiksihom bl-ajsing.
4. Biex nagħmlu figolla, l-ewwel nagħmlu l-għaġina, imbagħad naqtgħu l-għaġina skond il-forom. Nitfgħu l-mili u nagħlqu l-forma bl-għaġina. Wara ndaħħluhom fil-forn imbagħad inżejnuhom. Fuq ħafna figolli wkoll inwaħħlu bajda taċ-ċikkulata.

**L-Imnarja**

Fid- 29 ta' Ġunju niċċelebraw il-festa ta' San Pietru u San Pawl, jew aħjar kif inhi magħrufa mal-Maltin u l-Għawdxin – **L-IMNARJA**.

Fl-Imnarja jsiru t-tlielaq
tal-bhejjem
taħt is-Saqqajja tar-Rabat;
fir-ritratt tidher it-tribuna
minn fejn il-Gran Mastru kien
isegwi t-tlielaq fl-Imnarja.



Fl-Imnarja, fil-Buskett issir wirja tal-ħxejjex, tal-annimali, u tal-frott. Isiru wkoll tlielaq tal-bhejjem.



Dehra tal-Busket, bil-Palazz Verdala fl-isfond

Lejlet il-festa ħafna nies jiltaqgħu l-Buskett biex jagħmlu xi fenkata waqt li jisimgħu l-għana.

Din il-festa tiġi ċċelebrata wkoll fil-parroċċa tan-Nadur f'Għawdex.

## Il-Festa tar-Raħal



1. Fil-bliet u fl-irħula Maltin u Għawdxin kważi kollha, tiġi ċċelebrata **festa** f'ġieħ il-patrun jew patruna. Il-postijiet li jiċċelebraw din il-festa jkunu mżejnin. Il-knisja tkun imżejna minn barra u minn ġewwa bid-dwal. Mal-ħitan tal-knisja fuq ġewwa jiddendel id-damask. Tinħareġ il-vara min-niċċa u quddiemha jitpoġġew bukketti tal-fjuri. It-toroq ukoll ikunu mżejnin bid-dwal u l-pavaljuni kif ukoll b'xi statwi. Id-djar jiżżejnu wkoll bid-dwal mal-gallariji, jinxtegħlu l-arbli tal-bnadar fuq il-bjut.
2. Ma jonqosx lanqas il-logħob tan-nar kemm tal-art kif ukoll tal-ajru – il-ġiġġifogu u l-murtali li jixegħlu s-sema bil-kuluri sbieħ tagħhom. Dawn l-affarijiet kollha jiġbdu l-attenzjoni ta' ħafna Maltin u turisti li jkunu Malta fis-sajf.

3. Il-baned għandhom parti speċjali fiċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru. Ikun hemm daqq ta' marċi u programmi speċjali mill-baned. Matul il-ġimgħa tal-festa, speċjalment fit-tridu, il-banda toħroġ iddoqq fit-toroq. Għall-programmi tal-banda jintrama l-planċier fil-pjazza.
4. Ikun hemm ukoll ċelebrazzjonijiet speċjali fil-knejjes, ġiġġifogu, u logħob tan-nar tal-ajru. It-turisti jħobbuhom ħafna dawn il-festi tal-Maltin u l-Għawdxin.
5. Dakinhar tal-festa jkun hemm il-marċ, filwaqt li filgħaxija ssir il-puċissjoni bl-istatwa tal-qaddis/a. Waqt li tkun ħierġa l-vara tinħaraq il-kaxxa. Il-festa tintemm hekk kif il-vara terġa' tidħol lura fil-knisja.
6. L-għada tal-festa ħafna jkunu dawk li jmorru għax-xalata fejn jgħaddu ġurnata l-baħar.

**Kont taf?**

1. Il-presepju tista' tagħmlu b'diversi modi; l-iktar komuni huwa li tagħmlu bil-kartapesta.
2. Il-figolli huma tip ta' ħelu li nassoċjaw ħafna mal-Għid; bosta kappillani anke jbierku l-figolli tat-tfal fuq iz-zuntier nhar il-Għid.
3. Fl-Għid bosta familji jbierku d-djar tagħhom.



Bosta drawwwiet daħlu f'Malta fi żmien il-Kavallieri u għadhom isiru sal-lum; insemmu: Il-festa tal-Imnarja fil-Buskett, il-wirjiet agrikoli bħala parti mill-festi tal-Imnarja, l-għana fil-Buskett nhar l-Imnarja, it-tlielaq tal-bhejjem fl-Imnarja.

## A. Ikteb Veru jew Falz

1. L-Imnarja u Santa Marija huma btajjel pubbliċi. ________
2. Il-Buskett qiegħed qrib ir-Rabat Malta. ________
3. Il-priedka tat-tifel hija drawwa marbuta mal-Għid. ________
4. Fl-Imnarja jsiru ħafna pantomini fit-teatri u s-swali. ________
5. Madwar il-bambin inpoġġu l-ġulbiena. ________
6. It-tridijiet huma tlett ijiem ta' preparazzjoni għall-festa. ________
7. L-Avvent huwa żmien ta' preparazzjoni għall-Milied. ________

## B. Wieġeb dawn dwar l-Imnarja

1. Ta' min hi l-festa tal-Imnarja għall-knisja?

______________________________________________

2. Meta niċċelebraw il-festa tal-Imnarja?

______________________________________________

3. Fejn tiġi ċċelebrata l-festa ta' l-Imnarja?

______________________________________________

4. Liema ikel u xorb huwa tradizzjonalment marbuti mal-Imnarja?

______________________________________________

5. X'attivitajiet isiru f'din il-festa?

______________________________________________

6. Fejn isiru t-tiġrijiet taż-żwiemel?

______________________________________________

7. X'ikun hemm nhar il-festa, fil-Buskett?

______________________________________________

## Ċ. Agħti l-kulur

Dawn li ġejjin kollha għandhom x'jaqsmu ml-festa li niċċelebraw fl-irħula tagħna.

Agħti l-**kulur** <u>**aħdar**</u> lil dawk li għandhom x'jaqsmu mal-<u>festa **ta' barra**</u>, u agħti **kulur** <u>**isfar**</u> li dawk li <u>**nsibu fil-knejjes**</u>.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Mwejjed tal-qubbajt | Translazzjoni purċissjoni lejliet | Paniġierku – priedka twila fil-festa | Programm strumentali |
| Briju waqt il-marċ filgħodu | Logħob tan-nar tal-art | Logħob tan-nar tal-ajru | Murtali |
| Trikkitrakki | Damask | Bradella | Pavaljuni u bandalori |
| Quddiesa korali | Organi u orkestra | Antifona | Marċi mill-baned |

## D. Niktbu Ftit

**Ikteb paragrafu fuq il-Festa tar-Raħal jew Belt tiegħek**



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________